**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha 3 ta' Lulju 2020**

**Rikors Guramentat numru 32/2019BS**

**Michelangelo Attard**

**vs**

**Joseph Bajada;**

**Carmel Attard**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn Michelangelo Attard ikkonferma:

1. *Premess illi r-rikorrenti jippossjedi raba, parti minn raba akbar, liema raba jinsab fil-kontrada maghruf bhala ta' Ghajn Lukin fil-limiti tax-Xaghra Ghawdex u huwa ahjar delinjat bl-ahmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;*

2. *Premess illi l-konvenut Carmel Attard ghandu proprjeta' ohra fl-istess inhawi pero' mhux biswit jew konfinanti mal-proprjeta' li jippossjedi l-attur;*

3. *Premess illi fid-disgha (9) ta' Marzu elfejn u dsatax (2019) l-intimati Joseph Bajada u Carmel Attard sgassaw il-kamra agrikola tar-rikorrent li tinsab gewwa l-stess raba tar-rikorrent kif ukoll kissru l-arlogg tad-dawl li jinsab gol-kamra, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*

4. *Premess illi r-rikorrenti ddenunzja l-kwerela tieghu b'ittra hawn annessa u mmarkata Dok B, pero' baqa' ma sar xejn;*

5. *Premess illi sussegwentement fit-13 ta' Marzu 2019, Joseph Bajada saq vettura gol-propjeta' tar-rikorrenti minghajr ebda awtorizazzjoni, b'mod klandestin u llegali kif ukoll b'dannu ghalih stante illi ghaffeg il-wicc taz-zergha li wasal biex jinhasad, li kien qieghed gewwa l-istess proprjeta' tar-rikorrenti. Konsegwentment rega' sar rapport iehor mal-Pulizija.*

6. *Premess illi konsegwentment fit-24 u fil-25 ta' Marzu 2019, l-intimata Karen Bajada dahlet klandestinament gol-istess ghalqa flimkien ma' binha Etienne Bajada, u stallaw wajer u*

*CCTV cameras u wahluhom gewwa l-proprjeta' tar rikorrenti liema cameras jaghtu ghall-proprjeta' tar-rikorrenti li gie rraportat mal-pulizija wkoll.*

7. *Premess illi f'dawn il-granet u proprjament fid-9 ta' April 2019 l-intimata Karen Bajada poggiet u halliet vettura minghajr licenzja gewwa l-proprjeta' tal-attur minghajr l-awtorizazzjoni u l-kunsens tieghu, anzi b'mod klandestin b'dana illi issa huwa privjat totalment milli jidhol gewwa l-ghalqa tieghu.*

8. *Premess illi dawn l-atti da parti tal-intimati huma llegali u abbuzivi u jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-attur;*

9. *Premess illi minkejja li l-intimati gew interpellati diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra legali datata 1-14 ta' Marzu 2019 u ittra ufficcjali numru 191/2019 datata d-29 ta' Marzu 2019, (annessi u mmarkati bhala Dok C u dok D, rispettivament ) sabiex jisporgu dan l-ispoll, l-intimat baqghu nadempjenti;*

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. *Tiddikjara illi l-intimati kkommettew spoll vjolenti u klandestin meta qabdu u dahlu fil-proprjeta' ossia ghalqa fil-pussess tal-attur fid-9 ta' Marzu 2019 u tal-granet ta' wara, kisru l-bieba li taghti ghal gol-kamra agrikola kif ukoll l-arlogg tad-dawl u sussegwentment qieghdu trakk biex ostakolaw l-access liberu tal-istess attur ghall-ghalqa gewwa x-Xaghra fl-inhawi ta' Ghajn Lukin kif ukoll ghamlu hsara fil-wicc tar-raba tieghu u zammewh milli jaccedi ghall-istess raba;*

2. *Tikkundanna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jizgumbraw mil-art fil-pussess tar-rikorrenti u jergghu jreggu kollox lura ghall-istat pristinu tieghu qabel il-kommissjoni ta' dan l ispoll;*

3. *Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel hu dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji a spejjes tal-intimati;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali numru 191/2019.*

*Bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa ghas-subizzjoni.*

*Bir-rizerva tal-azzjoni ghar-rizarciment tad-danni sofferta mil-attur minhabba l-agir abbuziv u llegali taghkom.*

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Joseph Bajada, Karen Bajada u Carmen Attard illi eccepew:

1. *ILLI fil-kaz prezenti ma jezistux t-tliet elementi rikjesti mil-ligi ghall-ezercizzju tal-kawza ta' spoll privilegjat u cioe' il-pussess, l-element tal-ispoll vjolenti u klandestin u l-ezercizzju tal-istess kawza fiz-zmien xahrejn, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;*

2. *ILLI ghalhekk it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghaliex mhux minnu illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin billi dahlu fil-proprjeta' ossia ghalqa ossija entrata, allegatament fil-pussess tal-attur fid-9 ta Marzu 2019 u fil-granet sussegwenti. Illi fir-realta' din l-entrata dejjem kienet fil-pussess tal-istess konvenuti u dejjem hallewha miftuha sa meta f'Ottubru 2018 il-konvenut Joseph Bajada ghamel katina tal-plastic biex hadd ma jipparkja hemm, kif jidher mill-anness ritratt markat Dokument 'JB2' wara li l-istess access gie mblokjat mill-attur l-ewwel bil-gebel (Dok JB) u wara bil-gaffa (Dok KB1). Din l-istess katina nehhiha minn hemm Mario Attard fuq instruzzjonijiet tal-attur. L-ghada sar ostakolu mill-attur permezz ta' ringiela gebel fl-istess entrata, kif ikkostataw membri tal-korp tal-Pulizija. Meta l-attur gie nterpellat biex inehhi l-gebel li ghamel fl-istess passagg, din nehhija pero' wara ghamel kanna u mal-istess kanna ifforma gate biex jaghlaq l-access tal-konvenuti ghall- istess entrata, liema gate ghadha hemm sal-lum.*

3. *Illi lanqas ma huwa minnhu li l-konvenuti jew xi hadd minnhom kisser il-bieba li taghti ghal gol-kamra agrikola. Il-bieba giet maghluqa minn Mario u Lewis Attard fuq ordni tal-attur li wara li ghalqu l-fetha bil-katun fetah bieb iehor mal-hjat li jmiss ma' ta' Louis Attard u fuq dan sar rapport lill-Pulizija Ezekuttiva. Illi l-konvenuti ghalhekk ma kissru l-ebda arlogg tad-dawl u t-trakk qieghed fir-raba fil-pussess tal-istess konvenuti u kien marbut b'katnazz bl-alarm minn taht it-tow bar ghal ma nofs il-gate li ghamlu l-istess atturi, liema katnazz gie ukoll imkisser sussegwentament minn xi hadd li kellhu nteress li jaghmel hekk. Illi l-konvenuti lanqas ma ghamlu hsara fil-wicc tal-entrata, li l-attur issejhilha raba li dejjem kienet fil-pussess tal-konvenuti. Illi ghar-raba tieghu, l-attur ghandu access minn post iehor u jekk xi darba dahal min din l-entrata dan kien bil-buonograzzja tal-istess konvenuti.*

4. *Illi ghal dawn ir-ragunijiet, u ghal dawk ir-ragunijiet kollha illi ser jirrizultaw fil-mori ta' dina l-procedura, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto, bl-ispejjez kontra l-istess attrici;*

5. *Salvi risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-istess attur.*

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza *in parte* ghal-lum sabiex tippronunzja ruhha dwar il-kontumacja o meno tal-konvenuti.

**FATTI:**

Mill-atti jirrizulta illi fid-29 ta' April, 2019 il-Marixxall tal-Qorti Salvina Portelli marret tinnotifika lill-konvenut Joseph Bajada fl-indirizz indikat fir-rikors guramentat, izda

meta waslet fuq il-post dan il-konvenut irrifjuta in-notifika. Hija regghet ghamlet tentattiv iehor fis-17 ta' Mejju, 2019 u din id-darba hija rrappurtat illi ma fetah hadd.[1]

Rigward il-konvenuti l-ohra Karen Bajada u Carmel Attard, l-istess Marixxal irrapurtat l-istess akkadut fid-29 ta' April, 2019, cioe' illi n-notifika ma gietx accettata izda filwaqt illi fil-kaz ta' Karen Bajada din irrifjutat in-notifika personalment, fil-kaz ta' Carmel Bajada dan gie rrapurtat li ma kienx id-dar u l-mara tieghu rrifjutat in-notifika. Karen Bajada u Carmel Attard imbaghad gew notifikati bir-rikors fl-14 ta' Mejju, 2019[2].

Fl-14 ta' Gunju, 2019 l-attur ipprezenta rikors seduta stante fejn talab lill-Qorti tiddikjara illi Joseph Bajada effettivament gie notifikat bir-rikors guramentat fis-29 ta' April, 2019 u cioe' dak inhar illi rrifjuta n-notifika.

Fl-istess seduta l-avukat tal-konvenuti ta ruhu b'notifikat bir-rikors. Fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 dehru l-konvenuti kollha. Jirrizulta wkoll illi fl-istess gurnata giet ipprezentata r-risposta guramentata da parti tal-konvenuti ntimati. Dan sar fir-Registru minghajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti.

Ir-risposta tal-konvenut Joseph Bajada ghar-rikors ta' l-attur rikorrent intavolat fl-14 ta' Gunju, 2019 giet intavolata fis-17 ta' Gunju, 2019 fejn in difiza jghid illi huwa jbati minn *borderline personality disorder* u meta rrifjuta n-notifika ma kienx fi stat mentali tajjeb illi jiddeciedi x'inhu tajjeb u hazin. Huwa isahhah id-difiza tieghu billi jipprezenta certifikat mahrug mill-Psikjata Dr. Joseph Spiteri. Wara dan ir-rikors imbaghad, fid-19 ta Frar, 2020 u cioe' seba xhur wara l-konvenut intimat Joseph Bajada pprezenta rikors fejn jittenta jiggustifika l-kontumacja tieghu.

**DRITT.**

L-Art 170(2) tal-Kap 12 jipprovdi illi meta l-konvenut jirnexxilu

**"… meta jissodisfa lill-qorti li huwa ghandu eccezzjoni prima facie biex jopponi t-talba … jinghata lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin jum mid-data tal-ordni msemmi fis-subartikolu (4), f'liema kaz il-konvenut ghandu jhares id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 158 sa fejn dan ighodd**."

L-Art 170(4) tal-Kap 12 imbaghad ighid:-

"**Id-digriet dwar il-permess hawn fuq imsemmi jinghata bil-fomm, u tieghu jitnizzel notament fl-atti tal-kawza.**"

Ai termini ta' l-Artikolu 158(10) tal-Kap 12, jekk il-konvenut jonqos li jipprezenta r-risposta guramentata:

[1] A fol 14 tal-process
[2] A fol 15 u 16 tal-process

**"...il-qorti tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjon tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta r-risposta guramentata fiz-zmien li jmiss. Il-qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lill-attur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi."**

Kif gie ritenut mill Qorti Civili Prim Awla:

*"Il-gurisprudenza taghna hija konkordi dwar il-principji li jirregolaw il-gustifikazzjoni tal-kontumacja. Dwar dawn il-principji hemm ampja riferenza fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta' Marzu 2015 fil-kawza "Simone Eve Collett Sammut et vs Adam Sammut et" fejn inghad hekk:- "Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja ;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza ;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta ;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu ;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci;*

*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*Kif intqal fis-sentenza Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia (A.C. 16 ta' Frar 1996):-*

*"F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghalhiex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'."*

*Fil-kawza fl-ismijiet "Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd", deciza fit-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet izda li:- "L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura*

*punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghall- forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." (Ara wkoll "Vella pro et nomine v. Vella", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); "Paul Grixti vs Direttur taxXoghlijiet Pubblici," deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, "Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul "deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)*[3]

Rigward il-kontumacja ntqal ukoll illi:

*"indubbjament l-istitut tal-kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort' ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa"*[4] .

Barra minn hekk gie ritenut ukoll illi :

*"...biex tissussisti l-kontumacja din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest ghalhekk li assenza mill-att trid tigi konfermata b'assenza wkoll mill-udjenza fis-sens shih tal-kelma"*[5].

Dan ifisser illi l-kontumacja strutturalment trid tissussisti kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza.

**IKKUNSIDRAT**

Kif jirrizulta mill-atti:

- fid-29 ta' April, 2019 il-konvenuti Joseph Bajada u Karen Bajada ma accettawx in-notifika, fil-waqt li Carmel Attard gie rapurtat li ma kienx id-dar u martu ma accettatx in-notifika ghalih;
- fl-14 ta' Mejju, 2019 il-Marixxal ghamlet tentattiv iehor u dak inhar kemm Karen Bajada kif ukoll Carmel Attard accettaw in-notifika;

---

[3] Rosanne Micallef vs Maged Fawzy Shokry Iskander xi drabi indikat bhala Exkandar et, deciza 6 ta' Gunju, 2019
[4] Vivien Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi", Appell, 13 ta' Lulju 2001
[5] Benny Zaffarese nomine vs Maximillian Castagna nomine, Appell, 30 ta' Gunju 1997

- fis-17 ta' Mejju, 2019 il-Marixxall tirraporta illi meta marret sabiex tinnotifika lil Joseph Bajada ma fetah hadd u minkejja li halliet nota sabiex jaghmel kuntatt maghha dan il-konvenut baqa' ma ghamel xejn;

- fl-14 ta' Gunju, 2019, fl-ewwel seduta l-attur ipprezenta rikors fejn talab lill-Qorti sabiex tiddikjara illi r-rifjut tan-notifika ta' Joseph Bajada jitqies bhala notifika pozittiva. Dak inhar ukoll il-konvenuti kollha dehru ghas-seduta fejn taw ruhhom notifikati bir-rikors izda ma sar ebda tentattiv sabiex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom. Dak inhar stess ukoll il-konvenuti ntimati pprezentaw ir-risposta guramentata taghhom fir-registru;

- Fis-17 ta' Gunju, 2019 il-konvenut Joseph Bajada ntavola risposta ghar-rikors ta' l-attur rikorrent ta' l-14 ta' Gunju, 2019 u mieghu pprezenta certifikat tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, datat 14 ta' Gunju, 2019 in sostenn ta' l-argument tieghu illi meta huwa rrifjuta n-notifika ma kienx qed jifhem il-konsegwenzi ta' l-agir tieghu minhabba illi jbati minn *Borderline Personality Disorder*;

- Fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 il-konvenuti ma dehrux u lanqas deher l-avukat taghhom fil-waqt illi l-attur oppona t-talba ghal differiment. Instemghet ix-xhieda tal-Marixxall u l-attur ghalaq il-provi tieghu dwar il-mertu;

- Fis-seduta tat-19 ta' Frar, 2020 xehed il-psikjatra Dr. Joseph Spiteri fejn ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mahrug minnu u l-konvenuti ntavlow rikors fil-mori tad-differiment fejn talbu li l-Qorti takkorda l-gustifikazzjoni tal-kontumacja u taghti l-permess lill-konvenut idahhal risposta.

Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti tqis illi sabiex persuna tirrendi ruhha kontumaci hija trid tkun giet notifikat bl-att gudizzjarju izda minkejja n-notifika pozittiva hija tonqos illi tipprezenta risposta fit-terminu moghti lilha. Ghalkemm il-konvenut intimat Joseph Bajada fir-risposta tieghu tas-17 ta' Gunju, 2019 jghid illi l-kundizzjoni mentali tieghu rrendietu nkapaci jaghmel gudizzju kif misthoqq rigward in-notifika, meta huwa mbaghad ipprezenta r-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja huwa effettivament kien qed jaccetta illi gie debitament notifikat bir-rikors guramentat dak inhar illi huwa ghazel illi ma jaccettax tali notifika u cioe' fid-29 ta' April, 2019. Dan qed jinghad stante illi sabiex intimat jirrendi ruhu fi stat ta' kontumacja l-ewwel irid ikun gie notifikat bl-att promotur. Dan ifisser illi meta l-konvenut talab illi jiggustifika l-kontumacja tieghu huwa stess kien qed jiddikjara illi gie notifikat bir-rikors guramentat.

Il-Qorti tinnota illi dan il-konvenut jittenta jaghmel uzu minn xhieda illi kienet mahsuba illi ixxejjen it-talba ta' l-attur rikorrent liema talba saret fir-rikors ipprezentat fl-14 ta' Gunju, 2019, u issa qed juzaha sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu – uzu diametrikament oppost ghall-ghan illi ghalih kienet mahsuba fl-ewwel lok!

Gia la darba bir-rikors tieghu tad-19 ta' Frar, 2020, il-konvenut Joseph Bajada accetta illi huwa gie debitament notifikat fid-29 ta' April, 2019 dan ifisser li l-ghoxrin jum mid-data tan-notifika kien jiskadi fit-18 ta' Mejju, 2019. Minn konvenut mistenni li wara li jigi notifikat bl-att promotur, huwa jressaq id-difiza tieghu permezz ta' risposta guramentata skont kif jinghad fl-Artikolu 158 u jekk jonqos li jaghmel dan il-qorti tista' tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci. Dan premess, huwa akkolt f'gurisprudenza pacifika illi *"l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni, u hija din id-disubbidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali"*[6]

Il-Qorti fl-14 ta' Gunju, 2019 il-konvenuti ghalkemm prezenti fl-awla naqsu milli jiggustifikaw il-kontumacja taghhom u ma saret ebda talba f'dan is-sens, anzi jirrizulta illi minghajr ebda awtorizazzjoni tal-Qorti huma qabdu u pprezentaw risposta guramentata. Hija l-opinjoni ta' din il-Qorti illi dan l-agir juri dispett lejn l-Awtorita' ta' din l-istess Qorti u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tordna l-isfilz tar-risposta guramentata mill-atti.

Rigward it-talba ghall-gustifikazzjoni, din saret fi Frar, 2020, saret minn konvenut wiehed biss, Joseph Bajada, saret ben tmien xhur wara li pprezenta r-risposta guramentata u r-raguni li ghogbu jaghti lill-Qorti kienet l-istess wahda wzata minnu sabiex jiggustifika ghaliex ma accettax in-notifika tar-rikors guramentat. IlL-Qorti ma tistax tinjora wkoll il-fatt illi c-certifikat psikjatriku gie pprezentat mar-risposta tas-17 ta' Gunju, 2019 u d-data tac-certifikat mahrug mill-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri hija 14 ta' Gunju, 2019, id-data meta saret l-ewwel seduta, xahrejn wara li l-konvenut irrifjuta n-notifika. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija tal-fehma illi r-raguni moghtija ma hix wahda attendibbli u sodisfacenti.

Barra minn hekk fil-konfront taz-zewg konvenuti l-ohra Karen Bajada u Carmel Attard jirrizulta illi dawn gew notifikati fl-14 ta' Mejju, 2019. It-terminu ghall-prezentata tar-risposta kien jaghlaq fit-2 ta' Gunju, 2019 mentri r-risposta giet ipprezentata fl-14 ta' Gunju, 2019. Dawn iz-zewg konvenuti lanqas talbu sabiex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom u ghalhekk ghandhom jitqiesu fi stat ta' kontumacja. Barra minn hekk, bhall-konvenut Joseph Bajada dawn il-konvenuti qabdu u pprezentaw ir-risposta guramentata minghajr il-permess tal-Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti wara li semghet ix-xiehda, u qieset l-atti kollha tiddikjara ruhha bhala mhux sodisfatta li l-konvenuti kellhom raguni tajba biex ma jipprezentawx risposta guramentata.

**DECIDE.**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi fil-waqt illi tordna l-isfilz tar-risposta guramentatat mill-atti u dan ghar-ragunijiet moghtija,

[6] Joseph Vella proprio et nomine vs John Vella", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993

tiddikjara illi t-tliet konvenuti huma kollha kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

L-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu.

Dr. Brigitte Sultana
MAGISTRAT

Maureen Xuereb
D/Registratur